MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 982/2010

**MALTA INDUSTRIAL PARKS LIMITED** (C-28965)

**Vs**

**YORKIE CLOTHING INDUSTRY LIMITED** (C-487)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid-29 ta' Settembru, 2010, li bih is-soċjeta' attriċi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet (a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta; u (b) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha s-somma ta' sebgħa u sebgħin elf, tliet mija u tnejn u tletin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€77,332.98) li huma l-kera b'lura li messha ħallsitha l-istess kumpannija mħarrka sal-31 ta' Diċembru, 2006, għall-fabbrika SUBO17A fil-Qasam Industrijali ta' San Ġwann. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali, filwaqt li żammet sħiħ kull jedd ta' azzjoni oħra dwar ħlasijiet ta' kera għal kull żmien wara l-1 ta' Jannar, 2007;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka fit-22 ta' Novembru, 2010, għall-finijiet tal-artikolu 170(1) tal-Kap 12;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2010, li bih tat żmien lill-kumpannija mħarrka biex tikkontesta formalment il-kawża;

Rat in-nota mressqa mis-soċjeta' attriċi fl-10 ta' Diċembru, 2010, li bih rriduċiet it-tieni talba tagħha għal wieħed u sebgħin elf, mitejn u tmintax –il ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€71,218.37);

Rat in-nota mressqa mis-soċjeta' konvenuta fil-10 ta' Diċembru, 2010, li biha ammettiet it-tieni talba attriċi kif ridotta;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, it-talba ridotta tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi: (a) **tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** attriċi fid-dawl tad-degriet mogħti minnha fl-24 ta' Novembru, 2010; u (b) **tilqa' t-tieni talba** tas-soċjeta' attriċi limitatament għas-somma ta' wieħed u sebgħin elf,

mitejn u tmintax –il ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€71,218.37) u bl-imgħaxijiet fuqha b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv. Fiċ-ċirkostanzi, tordna li kull parti **tħallas l-ispejjeż tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------